**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Clayton Camilleri]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 57/2020**

**Illum, 21 ta' Marzu, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli:

1. **Fi Frar 2015 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, fil-Mosta u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' man-neputija tieghu -Omissis- meta kienet ghadha m'ghalqitx 15-il sena*;***
   ***Art. 204C (1) u (2) u Art 208AC tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, b'eghmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe' lin-neputija tieghu -Omissis- anki meta kienet ghadha m'ghalqitx 12-il sena, liema att sar minn xi hadd li lilu, imqar jekk ghal xi zmien kien giet fdata il-minuri u cioe' -Omissis- sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.**
   ***Art 203(1), (a) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija -Omissis-, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.**

**F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' -Omissis- ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**F'kaz ta' htija l-Qorti wkoll giet mitluba sabiex, flimkien ma' kull piena li tista taghti, taghmel Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex jekk tkun sodisfatta li jkunu saru jew jistghu jsiru arrangement ghat-trattament tal-imsemmi -Omissis-, tohrog Ordni ta' Trattament a tenur tal-Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti finalment giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi -Omissis- sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Marzu, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jitlob li l-imputat jinstab hati u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 204C(1)[1], 208AC(1) (b) b'referenza ghas-subartikolu 2(a), u 208AC(1)(d) b'referenza ghall-artikolu 202(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[2];
2. Fl-Artikoli 203(1) u dan anke b'referenza ghall-proviso (a) u (c) tal-istess artikolu[3] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

[1] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi XIII.2018.24 u emendi sussegwenti.
[2] B'dana li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda LXIV.2021.17 fir-rigward taz-zieda bi grad/i ghac-cirkostanzi aggravanti.
[3] Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi XXIII.2017.7 u emendi sussegwenti.

Illi semghet lill-ufficjal prosekutur **Clayton Camilleri** fejn ikkonferma l-fatti dikjarati mill-parte civile -Omissis- fir-rapport[4] li kienet ghamlet fejn din kienet iddikjarat illi l-imputat, li jigi zijuha, kien jghaddi kummenti b’konnotazzjoni sesswali kif ukoll kien ikun gharwien quddiemha u xi darbiet ukoll messilha l-parti taghha u dan meta hija kienet tghix man-nanniet taghha fejn hu kien jghix hemmhekk ukoll.

Semghet ukoll counseller **Joshua Aquilina** li xehed li kien isegwi lil -Omissis- fl-ewwel sena taghha l-Università fejn hija kienet tghidlu li kellha diffikultà meta kienet tkun f’relazzjoni u semmitlu wkoll fatti li kellha maz-ziju taghha ta’ xi abbuz li ghaddiet minnu li affettwawlha l-ansjetà u l-bizà taghha fir-relazzjonijiet.

Xehed missier -Omissis- u cioè **-Omissis-** fejn iddikjara li sar jaf b’dak li kienet ghaddiet it-tifla tieghu hafna wara u dan ghaliex hu u l-mara tieghu li tigi omm -Omissis- kienu ghaddejjin minn process ta’ separazzjoni u ma kinitx qaltlu b’xejn. Sar jaf ukoll illi kienet haditha ghand psikologa sabiex tghinha psikologikament.

[4] Folio 19 – Dok. CC1

Omm -Omissis- u cioè **-Omissis-** li xehdet illi fis-sena elfejn u erbatax (2014) kienet marret flimkien mar-ragel u -Omissis-, tghix ghand il-genituri taghha ghaliex missierha kellu bzonn l-ghajnuna. Tghid illi huha l-imputat kien jghix hemmhekk ukoll izda dan kien jghix fil-basement izda ta' spiss kien jitla'. Tghid illi bdiet tosserva lit-tifla taghha taqa' f'dipressjoni fejn anke spiccat l-isptar l-emergenza tant kemm kienet hazin fejn minn hemmhekk -Omissis- tkellmet ma' tabiba partikolari fejn kienet qaltilha kollox rigward l-allegat abbuz. Tghid li dak iz-zmien -Omissis- kellha 16-il sena.

Semghet ukoll psychologist **Darlinka Barbara** fejn hija stqarret li kienet issegwi lil -Omissis- minn Mejju 2019 ghal sena fejn hija hadmet fuqha fuq il-*low self esteem* u dan wara l-allegat incidenti li kellha maz-ziju taghha.

Din il-Qorti kif presjeduta kellha l-okkazjoni li tisma' x-xhieda ta' **-Omissis-** bil-gurament li kkonfermat quddiemha li ma xtaqitx tixhed ghaliex l-imputat jigi zijuha u ghal benesseri tas-sahha mentali taghha.

Finalment xehed l-imputat **-Omissis-** fejn ikkonferma l-istqarrija[5] tieghu u fejn ghal darb'ohra cahad l-

[5] Folio 24 tal-process.

allegazzjonijiet maghmulin kontrih u jghid illi din kienet kollha messa in xena min-naha ta' missier il-minuri stante li dak iz-zmien ommha u missierha kienu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni personali. Jghid illi missier -Omissis- kien ikun ta' spiss abbuziv verbalment mieghu tul is-snin li kienu jghixu mal-genituri tieghu li waqa' f'dipressjoni u hargitlu l-OCD u ansjetà kbira tant li kien segwit mill-psikjatra Dr David Mamo.[6]

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi -Omissis- gie mixli b'zewg (2) akkuzi, l-ewwel (1) wahda fuq korruzzjoni ta' minorenni sancita mill-Artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodici Kriminali qabel l-emendi tal-2018 u t-tieni (2) wahda li kkommetta atti sesswali fuq minuri (Art. 204C(1).

Illi l-Qorti tibda biex tippremetti li l-Avukat Generali ma kompliex jinsisti fuq ix-xhieda ta' -Omissis- anke jekk l-

[6] L-imputat ipprezenta serje' ta' dokumenti – Dok. TC1 sa TC2.

ewwel (1) akkuza ma setghetx tigi rinunzjata mill-parte civile.

Illi qabel xejn, irid jinghad illi l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni hija prosegwibbli bil-kwerela tal-parti bid-differenza taz-zewg akkuzi l-ohra li l-imputat kien gie originarjament akkuzat bihom fejn dawn kienu prosegwibbli *ex ufficio*. Fil-fatt is-subinciz (3) tal-Artikolu 203 jghid is-segwenti:

> *(3) Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:*
>
> *Izda meta l-parti offiza tirtira l-kwerela, il-Qorti tista' tiddeciedi u tordna l-kontinwazzjoni tal-procedimenti kontra l-allegat awtur, wara li tikkonsidra b'mod partikolari l-ahjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti ohra, u ghandha tivverbalizza dik ir-rikjesta u decizjoni biex jigu registrati fl-atti tal-kawza:*

*Izda, ukoll, jitmexxa ex officio meta l-ghemil isir b'abbuz tas-setgha ta' genitur jew ta' tutur".*

Illi ghalhekk dan il-provvediment jistabbilixxi x'inhuma l-kriterji ghal kontinwazzjoni ta' dawn il-procedimenti. Il-Qorti ma setghetx tiehu din id-decizjoni meta kienet rinfaccjata bl-irtirar tal-kwerela mill-parte civile ghaliex l-imputat kien qed jaffaccja akkuza ohra li kif digà nghad, kienet qed titmexxa *ex ufficio*. Illi però stranament l-Avukat Generali ddecieda li jkompli jmexxi fuq it-tieni akkuza wkoll a differenza ta' kawzi ohra, u dan gialadarba din l-akkuza giet rinunzjata mill-istess parte civile.

Illi kif digà nghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-akkuzat -Omissis- qed jigi rinfaccjat bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni hekk kif aggravata bis-subartikoli (a) u (c) tal-Artikolu 203(1). Issa fil-kors tal-proceduri hareg car illi l-parte civile xtaqet twaqqa' dawn il-proceduri u li ma xtaqitx tixhed fil-konfront tal-imputat anke minhabba ta' parentela stretta.

Il-Qorti thoss ghalhekk illi ghalkemm ma tistax tbiddel id-diskrezzjoni tal-minuri li twaqqa' dawn il-proceduri, tirrispetta d-decizjoni taghha u taghmilha taghha u dan ghall-ahjar interess tal-istess -Omissis-. Illi tenut ta' dan ftit hemm provi li jistghu jaghtu dawl ta' ezattament x'gara u dak kollu li hareg kien detto del detto dikjarat mill-parte civile -Omissis- li mbaghad ma kkonfermatx dawn il-verzjonijiet bix-xhieda diretta taghha. Ghaldaqstant ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn it-testimonjanzi ghaliex m'ghandhomx valur probatorju.

Illi finalment ghandu jinghad, a beneficcju tal-imputat illi huwa dejjem sostna l-innocenza tieghu anke fuq il-pedana tax-xhieda b'verzjoni li skont hu din kienet kollha fabrikazzjoni ta' missier -Omissis- kontrih.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li l-ewwel (1) akkuza ma gietx ippruvata u stante li t-tieni (2) akkuza giet rinunzjata u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**__________________________________________**
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**